31989D0196

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-3 ta' Marzu 1989
li tistipula regoli dettaljati għad-deklassifikazzjoni tad-dokumenti koperti mis-segretezza professjonali jew kummerċjali

(89/196/KEE, Euratom, KEFA)

IL-KUMMISSJONI TA' L-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' l-Kunsill (KEE, Euratom) Nru. 354/83 ta' l-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika [1] u partikularment l-Artikolu 9 ta' dan,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. 359/83/KEFA ta' t- 8 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar [2], u partikularment l-Artikolu 9 ta' dan,

Billi, taħt ir-regoli li jirregolaw il-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi tal-Komunitajiet, kull dokumenti u rekord kopert bl-obbligu tas-segretezza professjonali u kummerċjali ma jistax jiġi rilaxxat lill-pubbliku kemm-il darba l-persuna jew l-impriża kkonċernati ma toġġezzjonax; billi, għal kliem bħal dan, il-Kummissjoni għandha tagħti notifika tal-intenzjoni tagħha biex tirrilaxxa d-dokumenti u r-rekords għal pubbliku;

Billi notifika bil-quddiem tal-persuna jew impriża kkonċernata hija ta' spiss diffiċli, partikularment f'każijiet ta' bdil fl-indirizz jew suċċesjoni legali;

Billi, biex tassigura li l-proċedura biex tiftaħ l-arkivji storiċi tal-Komunitajiet għall-pubbliku taħdem b'mod effiċjenti, d-dispożizzjonijiet għandhom jiġu magħmula biex jawtorizzaw lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tinforma lill-persuna jew impriża kkonċernata permezz ta' notifika ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*,

IDDEĊIEDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

1. Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE, KEEA) Nru. 354/83 jew l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. 359/83/KEFA, il-Kummissjoni għandha tgħarraf bil-miktub lill-persuna jew impriża kkonċernata ta' l-intenzjoni tagħha li tirrilaxxa lill-pubbliku xi dokument jew rekord kopert bl-obbligu tas-segretezza professjonali jew kummerċjali u tistieden lill-persuna jew impriża kkonċernata biex tressaq kull oġġezzjoni fil-perjodu ta' sitt ġimgħat.

Jekk l-ebda oġġezzjoni ma tiġi mressqa f'dan il-perjodu, id-dokument jew rekord għandu jkun rilaxxata lill-pubbliku.

2. Jekk it-talba miktuba tal-Kummissjoni ma tasalx lill-persuna jew impriża kkonċernata, il-Kummissjoni għandha tippubblika notifika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Komunitajiet Ewropej (serje C), tħabbar l-intenzjoni tagħha li tirrilaxxa lill-pubbliku d-dokument jew rekord in kwistjoni kemm-il darba xi oġġezzjoni tiġi mressqa f'sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tan-notifika. In-notifika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Komunitajiet Ewropej għandha tindikal-persuna jew impriża kkonċernata u n-natura tad-dokument jew rekord in kwistjoni.

Jekk l-ebda oġġezzjoni ma tiġi mressqa fil-perjodu ndikat, id-dokument jew ir-rekord għandu jiġi rilaxxat lill-pubbliku.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-3 ta' Marzu 1989.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Marzu 1989.

Għall-Kummissjoni

António CARDOSO E CUNHA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 43, tal-15.2.1983, p. 1.
[2] ĠU L 43, tal-15.2.1983, p. 14.